GUDJA

Minuti tar-raba laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret illum l-Erbgħa 30 ta' Ottubru 2009.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera; | Osvaldo Pace, Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 03/6 (31/08/2009)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett tal-Mitħna Housing Estate

5. Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf
   a. GreenPak - Separazzjoni ta' l-iSkart

6. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.10p.m.

Is-Sindku u l-Kunsilliera qalu t-talba.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 03/6 (31/08/2009)**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-31 ta' Awwissu 2009, li ġew ċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Data tal-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku qal li ma setax jagħmel laqgħa tal-Kunsill f'ġurnata oħra kif kien miftiehem peress li kien qed iqatta ġranet sħaħ l-iSptar Mater Dei jassisti wieħed mill-qraba tiegħu li ħalla din id-dinja filgħodu. Is-Sindku rringrazzja l-Kunsilliera talli kienu kollha preżenti għal din il-laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera kollha taw il-kondoljanzi tagħhom lis-Sindku għal din it-telfa ta' wieħed mill-qraba tiegħu.

2.1.2 Is-Sindku qal li xtaq ifakkar lill-kunsilliera fil-pjan ta' ħidma u l-proġetti li jixtieq iwettaq il-Kunsill Lokali għall-Gudja sew fi żmien immedjat kif ukoll fi proġetti li jieħdu aktar żmien u għalhekk ikun hemm bżonn ippjannar u finanzjament aktar fit-tul.

2.1.3 Ħajt ta' Triq San Ġorġ li peress li jinsab imġarraf qed jikkawża għargħar fl-għalqa li tmiss miegħu. Is-Sindku qal li dan qed jikkawża ħafna ilmenti u għalhekk xtaq li l-Kunsill japprova x-xiri ta' xi żewġ jardi konkos sabiex issir ix-xogħol meħtieġ u jiġi eliminat kull inkonvenjent u ma ssirx ħsara fl-għelieqi ta' madwar. Il-Kunsilliera kollha qablu ma' dak li qal is-Sindku.

2.1.4 Xogħol dwar wiċċ ta' triq u bankina fil-biċċa ta' Triq Fidloqqom limiti tal-Gudja. Is-Sindku qal li qed jirċievi ħafna ilmenti dwar din it-triq peress li tinsab fi stat ħażin. Għalhekk huwa kien qed jissuġerixxi illi dan ix-xogħol issir wara li jinkisbu l-kwotazzjonijiet meħtieġa sew dwar il-bankina kif ukoll wiċċ ta' asphalt meħtieġ mingħand kuntratturi kompetenti u magħrufa mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir mill-kuntrattur/i dwar l-asphalt u l-bankini li jagħtu l-aħjar offerta għax-xogħol meħtieġ.

2.1.5 Elezzjoni tal-10 t'Ottubru 2009 bejn it-8.00a.m. u l-11.00a.m. għall-membri tal-kumitat eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AL 253 tal-2009). Is-Sindku fakkar lill-kunsilliera f'din l-elezzjoni u ħeġġeġ lill-kunsilliera kollha sabiex jiġu l-Kunsill fid-data u matul il-ħinijiet stabbiliti sabiex jivvutaw peress li dawn l-emendi li ġew ippublikati jirriflettu l-emendi proposti fir-Riforma tal-Kunsilli Lokali.

2.1.6 Grupp Azzjoni Lokali (GAL) Xlokk li fih jinsab imsieħeb il-Kunsill Lokali Gudja. Laqgħa għall-pubbliku fl-10 ta' Ottubru 2009 ġewwa s-sala parrokkjali fil-Gudja. Is-Sindku qal li sejra ssir laqgħa dwar il-programm imsejjaħ LEADER sabiex in-nies tal-Gudja juru x-xewqat tagħhom dwar ħajja soċjali, kultura u aspetti oħra importanti għan-nies tal-Gudja sabiex dawn il-kunsultazzjonijiet jiġu parti minn strateġija nazzjonali u b'hekk il-Gudja tkun tista' tgawdi minn finanzjament mill-Unjoni Ewropea skond il-programm LEADER.

Is-Sindku ħeġġeġ sabiex il-Kunsilliera kollha iħeġġu lill-kulħadd sabiex ikunu preżenti waqt din il-laqgħa u jesprimu x-xewqat tagħhom b'mod ċar sabiex il-Gudja tkun tista' tikseb rikonoxximent u għajnuna finanzjarja dwar proġetti ta' fejda għall-Gudja u n-nies tagħha.

2.1.7 Xelters. Is-Sindku qal li ġewwa l-Gudja hemm diversi xelters uħud minnhom ġew imnadfa iżda kollha ġew miftuħ u saru għotjin tal-ħadid. Is-Sindku fakkar li wieħed minn dawn ix-xelters li ġie msemmi 'Xelter tal-Paċi', ġie miftuħ uffiċċjalment nhar id-09 ta' Lulju 2006 u sar investiment ta' dawl elettriku u xi attrezzi oħra sabiex ikun jista' jiġi miftuħ u jżuruh il-pubbliku.

Is-Sindku fakkar kif dan ix-xelter kien ta' attrazzjoni ewlenija matul il-festi tal-Milied tas-sena 2008. Is-Sindku qal ukoll illi x-xelter li jinsab taħt il-bini tal-Kunsill jista wkoll jiġi miftuħ għal pubbliku peress li ftit li xejn jonqsu xogħol fih.

Saret diskussjoni dwar il-finanzi u r-riżorsi tal-Kunsill sabiex iżomm ix-xelters kollha miftuħa kif ukoll dwar inkonvenjent li qed ikun maħluq għan-nies tal-Gudja peress li l-għotien tal-ħadid mhux tajbin li jissiġġillaw sewwa l-bokok ta' dawn ix-xelters.

Saru suġġerimenti li fejn dawn ix-xelters mhux sejrin jinfetħu għall pubbliku, dawn għandhom jingħalqu bil-kaptelli li fihom ikun hemm ħoloq sabiex meta dawn ix-xelters jkunu jridu jinfetħu dan jista issir bla tfixkiel żejjed.

Is-Sindku qal li tkun ħasra li dawn ix-xelters ma jiġux inkluża bħal parti mill-assi tal-Kunsill li jikkontribwixxi dwar l-għarfien ta' kif għexu n-nies fosthom il-Gudjani fitTieni Gwerra Dinjija. Is-Sindku qal li sejjer ikompli jfittex sabiex il-Kunsill jikseb l-aħjar mezzi ta' għotien li joħolqu sigurta meħtieġa u li jkun joffru opportunita għal min ikun jixtieq iżur dawn il-postijiet ta' storja dwar il-ħajja li għexu fiha l-antenati tagħna.

Il-Kunsill qabel li deċiżjoni finali dwar dawn ix-xelters li mhux sejrin jintużaw għal wiri għall-pubbliku għandha tittieħed fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Il-Viċi-Sindku fakkar li l-Kunsill kien qed jaħdem sabiex ikun hemm użu aħjar tal-mini pitches u embellishments fil-bandli u attrezzaturi oħra. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill kien qed jaħdem sabiex jinkisbu fondi ta' madwar €13,000.00 mill-Urban Improvement Fund sabiex jintużaw bħala parti minn dawn ix-xogħlijiet u attrezzaturi oħra meħtieġa.

Il-Viċi-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li ssir fence u attrezzaturi oħra fi Ġnien Xlejli b'mod speċjali għaliex meta tfal qed ikunu jilgħabu f'dan il-lok kif jinsab illum, qed ikunu f'perikolu u f'riskju serju meta jmorru jiġru wara xi ballun li faċilment jispiċċa fit-triq. Il-bandli u attrezzaturi fil-playing field ukoll għandhom jinbidlu.

Il-Kunsill qabel li jinkisbu tlett quotations dwar dan sabiex fi żmien qasir issir l-għażla ta' l-aħjar quotation u jinbeda x-xogħol meħtieġ u dan il-lok ikun jista joffri post xieraq għal dawk it-tfal u żgħażagħ li jkunu jridu jilgħabu f'dawn il-mini pitches.

2.2.2 Seminar li sar nhar it-22 ta' Settembru 2009 fis-sala tal-Kunsill Lokali Birkirkara dwar id-disposal fees ġodda għar-rimi ta' l-iskart imħallat fil-landfill. Is-Sur Baldacchino qal li flimkien mas-Segretarju Esekuttiv huwa attenda għal dan is-seminar informattiv u xtaq jinforma lill-Kunsill dwar dettalji l-aktar importanti tal-proċedura l-ġdida.

a. Mill-01 t'Ottubru 2009 id-disposal fee għar-rimi tal-iskart imħallat fil-landfill ser ikun ta' €20.00 kull tunellata.

b. Il-Kunsill Lokali ser jibda iħallas għal din it-tarriffa.

c. Il-Gvern ser jgħaddi lill-Kunsill il-flus relatati ma' din in-nefqa. Dawn l-ammonti huma ikkalkulati fuq informazzjoni li għandha l-Wasterv Malta Ltd.

d. Matul il-perjodu Ottubru-Diċembru 2009 il-Kunsill Lokali ser ikun obbligat li jħallas biss dak l-ammont li qed jingħata mill-Gvern.

e. Matul dan il-perjodu (ta' moniteraġġ) il-Kunsill għandu javża lil WasteServ Malta Ltd kull meta l-fattura (invoice) tkun ta' aktar tunnellaġġ minn dak li għalih ikunu ġew allokati l-flus mill-Gvern u iħallas sal-massimu tal-flus li qed jingħataw u mhux iżjed.

Is-Sur Baldacchino li għalhekk huwa ferm importanti li l-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti kollha dwar l-importanza tas-separazzjoni ta' l-iskart li jista jiġi riċiklat. Fiċ-ċirkustanzi kull tunellata ta' skart li tiġi separata għar-riċiklaġġ, il-Kunsill jista jgawdi benefiċċju finanzjarju ta' €19.50 kull tunellata ta' skart li jirriċkela.

Il-Kunsill tal-Gudja fl-inizjattiva dwar l-indafa daħħal li qed jaħdem sabiex 35% ta' l-iskart tal-Gudja jiġi separat għar-riċiklaġġ u b'hekk filwaqt li tinżam l-akbr indafa u l-ħajjar tar-residenti tal-Gudja tkun aktar sostenibbli, l-Kunsill ikun jista jiffranka l-flus li jkun jista jonfoq f'affarijiet oħra b'risq ir-residenti tal-Gudja.

2.2.3 Inizjattiva dwar l-indafa – Invaraw skemi dwar is-separazzjoni ta' l-iskart. Is-Sur Baldacchino qal li fis-16 t'Ottubru 2009 sejjer issir l-bidu ta' din il-kampanja flimkien ma' GreenPak li fiha sejrin jieħdu sehem tfal mill-iSkola Primarja tal-Gudja li jkunu huma li juru kif għandu jsir s-separazzjoni ta' l-iskart.

Hemm preparat programm sħiħ li huwa ukoll maħsub li l-Gudja tkun wieħed mill-postijiet rebbieħa fil-kompetizzjoni Inizjattiva Lokalitajiet indaf. F'din l-okkażjoni ikun hemm diskors minn Dr. Chris Said kif ukoll mis-Sindku John-Mary Calleja, minn Dr. Stefan Buontempo, kif ukoll minn mistednin oħra distinti kif ikun xieraq u possibli.

Saret diskussjoni u filwaqt li l-Kunsill qabel li japplika għall-finanzjament ta' €1,000.00 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali il-Kunsill qabel ukoll li joħroġ flus oħra meħtieġa sabiex kemm din l-okkażjoni tas-16 t'Ottubru 2009 kif ukoll kull attivita li tinkoraġixxi l-indafa fil-Gudja u dik dwar is-separazzjoni dwar l-iskart tkun b'mod professjonali u li tikseb kull suċċess.

2.2.4 Pavimentar fi Triq iż-Żebbuġa, Triq id-Dejqa, Triq il-Kappillan, Triq Santa Katarina u Triq Rużar Formosa. Is-Sur Baldacchino qal li bħala pjan fit-tul dwar l-ambjent il-Kunsill jista jibda jidħol f'taħdidiet mal-MEUSAC sabiex jinkisbu fondi meħtieġa u b'hekk dawn it-toroq u nħawi oħra jkollhom dehra aħjar kif insiub f'postijiet oħra simili fl-Ewropa.

Is-Sindku qal li kien qed jassoċja ruħu ma' din l-istrateġija u talab li din tifforma parti mill-programm ta' taħdidiet mal-MEUSAC.

2.2.5 Presepju fix-xelter tal-Paċi Gudja – Milied 2009. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed jipprepara sabiex jerġa itella din l-attivita fuq linji simili tal-Milied 2008.

2.3.0 Kunsilliera

2.3.1. O. Pace.

a. Is-Sur Pace qal li huwa kellu laqgha mas-Sur Noel Calleja Kap ta l-iSkola Primarja tal-Gudja fejn ġew diskussi bosta idejat u proġetti fosthom it-twaqqif ta' Kunsill ta' tfal, attivita edukattiva ta' darba fix-xahar li tittella flimkien mal-Kunsill kif tkun tixtieq l-iskola.

Is-Sur Pace qal li kien hemm qbil mal-Kap ta' l-iskola li Jum il-Qari jiġi organizzat fi Frar wara li jkunu saru l-eżaminijiet ta' l-iskla sabiex b'hekk dan il-Jum jkollu aktar suċċess.

b. Is-Sur Pace qal li hemm il-ħsieb li fil-programm li jiġbed aktar nies u anke negozju lejn il-Gudja tiġi mtella attivita annwali fuq bażi ta' Notte Bianca (Lejl Imdawwal) sabiex dan jiġbed l-interess kemm tal-Gudjani, tal-Maltin u Għawdxin kif ukoll turisti ġewwa l-Gudja. Dan il-programm jitlob ko-operazzjoni mal-Malta Toursim Authority, Malta International Airport kif ukoll finanzi mingħand il-MEUSAC.

c. Is-Sur Pace qall li hemm il-ħsieb li tiġi mwaqqfa l-Orkestra tal-Gudja. Anke hawn wieħed jesplora x'finanzi wieħed jista jikseb mill-MEUSAC jew fondi oħra.

d. Is-Sur Pace qal li bħala proġett fit-tul wieħed għandu jagħti attenzjoni wiesgħa tal-Ġnien Raymond Caruana fejn jista jiġi embellished aħjar u jagħti aktar faċilitajiet ta' rekrejazzjoni u lok ta' serħan kif ukoll jinħoloq spazju addatat sabiex il-Kunsill ikollu bini ta' amministrazzjoni u facilitajiet oħra ta' ħtieġa sabiex jaqdi aħjar in-nies tal-Gudja. Dan irid ikun proġett ħolistiku fejn jista jkun hemm uffiċċju dwar il-kultura, storja u affarijiet oħra ta' interess għal min iżur il-Gudja u jiġi stabbilit ukoll link dirett mal-MIA sabiex il-Gudja tkun aktar magħrufa u dan jista anke joħloq impjiegi għan-nies tal-Gudja.

Saret diskussjoni fejn is-Sindku u l-Kunsilliera kollha preżenti qablu li huwa importanti li jaħdem sabiex il-Kunsill jikseb titolu ta' Ġnien Raymond Caruana Gudja għaliex ikun inutli li jsiru ħafna pjanijiet dwar proġetti meta dawn jistgħu jiġu mwarrba mill-awtorita' li fil-preżent tipposjedi dan il-Ġnien.

2.3.2 Anthony Dalli

a. Day Centre għall-anzjani fil-Gudja. Is-Sur Dalli qal li fittex postijiet xierqa privati ġewwa l-Gudja iżda kull fejn fittex ma rċevie risposta pożittiva. Is-Sur Dalli qall ukoll illi jidher li s-Surmast ta' l-iSkola Primarja s-Sur Noel Calleja kien lest li joffri spażju xieraq fl-iskola dmenti li kull xogħol u nvestiment meħtieġ issir għas-spejjeż tal-Kunsill.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li fejn jista jkun dan ix-xogħol issir minn ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Għal dan il-għan il-Kunsill approva s-somma inizjali ta' €500.00

Is-Sur Dalli qal li jinforma lill-Kunsill dwar il-progress ta' dan il-proġett fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

b. Jum l-Anzjani. Is-Sur Dalli qal li f'Ottubru jiġi iċelebrat Jum l-Anzjani u għalhekk ikun xieraq li l-Kunsill jorganizza mawra kulturali, soċjali u edukattiva għal anzjani f'post xieraq fejn l-anzjani li huma persuni ta' iżjed minn 60 sena jkunu jistgħu jieħdu gost.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jibdew l-arranġamenti meħtieġa dwar din il-mawra li tiġi sussidjata mill-Kunsill fuq l-istess mod li jsiru attivitajiet oħra simili.

c. Għażla Anzjan tas-Sena. Is-Sur Dalli informa lill-Kunsill illi huwa kien avviċinati lil tlett persuni li jidher li setgħu ikunu eliġibbli li jintgħażlu. Dawn il-persuni huma Sur Joseph Azzopardi, Sinjorina Carmen Ellul u s-Sur Joseph Mangion. Kien biss is-Sur Joseph Mangion li xtaq li jidħol f'dan il-konkors u iffirma l-applikazzjoni meħtieġa.

Il-Kunsil qabel li jkompli jsegwi din l-applikazzjoni u xtaq kull suċċess f'dan il-konkors.

d. Berġa tal-Gudja. Is-Sur Dalli qal li l-Berġa fil-Gudja għandha tingħta aktar attenzjoni u għalhekk kien qed jipprova ikollu kuntatt mat-Tabib Dr. D. Vella Baldacchino Kap tal-Kura Primarja sabiex jiġi studjat kif il-Kunsill ikun jista' jagħti servizz aħjar lir-residenti tal-Gudja.

2.3.3 Mark-Anthony Sammut

a. Is-Sur Sammut talab lista ta' proġetti li jistgħu jitwettqu mill-Kunsill. Huwa talab lil kunsilliera sabiex jikkonsideraw dak li jista' jitwettaq fi żmien qasir kif ukoll proġetti fit-tul li anke jieħdu ż-żmien.

F'dan l-istadju s-Sur Osvaldo Pace talab li l-Kunsill jiġi infurmat sew b'dawk il-finanzjament li jistgħu jinkisbu għaliex fil-fehma tiegħu ikunu inutli li wieħed jitwebbel bi proġett meta dan ma jkunx eliġibli li jikseb il-fondi sabiex jitwettaq.

Is-Sur Sammut wieġeb illi huwa kien sejjer jaħdem dwar dan u jinforma lill-Kunsill skond l-informazzjoni u l-pariri li jikseb mingħand il-MEUSAC f'isem il-Kunsill.

Is-Sur Sammut stieden lis-Sur Pace sabiex jiltaqgħu flimkien sabiex jaħdmu flimkien fuq proġetti ta' interess li jaqgħu taħt iż-żewġ dekasteri fosthom skola, sport u team tan-netball kif kien diġa ssuġerixxa s-Sur Pace.

b. Is-Sur Sammut qal fil-qasam ta' l-isport huwa kien diġa tkellem mal-KMS dwar proġetti bħal Judo u Arobics. Is-Sur Sammut qal i dwar dan il-Kunsill jista jaħdem mal-Kap ta' l-iSkola Gudja billi jtejbu l-faċilitajiet ta' gym li jkun jista' jintuża mill-istudenti waqt il-ħin ta' l-iskola kif ukoll mir-residenti tal-Gudja wara l-ħin ta' l-iskola.

Is-Sur Sammut qal li sejjer ssir il-programm After School Sports u Youths on the Move u dwar dan il-Kunsill sejjer joħroġ press release fejn ikompli jingħad li dawn l-attivitajiet huma bla ħlas peress li l-ispejjeż sejrin jinqasmu ugwali bejn il-Kunsill Lokali Gudja u mill-Kunsill Malti għall-iSport.

c. MEUSAC. Is-Sur Sammut qal li hemm ftehim iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Esekuttiv għan-nom tal-Kunsill kif ukoll mill-Kap tal-MEUSAC Dr. Vanni Xuereb u għalhekk il-Kunsill sejjer jagħmel dak kollu possibli li jikseb kull għajnuna mill-MEUSAC sabiex il-proġetti tal-Kunsill jiġi mwettqa iżda huwa importanti li jkunu magħrufa x-xewqat u programmi maħsub tal-Kunsill ferm minn qabel sabiex il-fondi jaslu fil-ħin u l-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dawn il-fondi.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 1840906224584 – Talba għal-lampa ġdida fi Triq Birżebbuġa Gudja. Il-Kunsill qabel li jaħdem flimkien ma' l-Enemalta u l-kuntrattur tas-Street Lighting sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

3.1.2 1840900725075 – Ilment dwar tajn li nġabar bl-ilma tax-xita fi Triq P. Gagliardi c/w Triq Bir Miftuħ Gudja. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir b'mod urġenti mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

3.1.3 1840905225078 – Talba sabiex il-parti li fadal ta' Triq Fidloqqom isir bit-tarmak. Il-Kunsill qabel li jinkisbu l-quotations għal xogħlijiet meħtieġa kemm ta' major patching kif ukoll dwar bankina. Il-Kunsill qabel ukoll illi kuntratturi li diġa huma magħrufa mal-Kunsill peress li diġa għamlu xogħlijiet simili għal Kunsill jiġu avviċinati direttament sabiex huma wkoll jagħtu l-quotations tagħhom u b'hekk il-proċess amministrattiv dwar l-għażla ikun aktar effiċjenti u xogħol meħtieġ issir fl-iqsar zmien possibli.

3.1.4 1840905125081 – Talba sabiex isiru parking bays u sleeping policeman fi Triq Dorell Gudja. Il-Kunsill qabel li t-talba dwar parking bays u sleeping policeman ma tistax tintlaqa peress li hemm ħafna garaxxijiet u jekk issir dak ix-xogħol mitlub ikun ifisser aktar riskju u inkonvenjent.

3.1.5 1840907725082 – Talba sabiex isir sleeping policeman fi Triq il-Palma Gudja. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi riferuta għad-deċiżjoni u permess mingħand l-ADT. Dwar Triq il-Palma l-Kunsill qabel ukoll illi jitlob lil kuntrattur Koptasin sabiex jagħmlu parking żgħir ta' mutur quddiem id-dar tas-Sur Joseph Theuma sabiex jitneħħa l-inkonvenjent preżenti.

3.1.6 1840904625242 – Talba sabiex terġa titpoġġa l-iskip li kien hemm fi Triq Birżebbuġa Gudja. Il-Kunsill qabel li peress li issa ġewwa l-Gudja sejra ssir kampanja qawwija dwar is-separazzjoni ta' l-iskart l-Kunsill qed jeżamina l-aħajr strateġija sabiex jinħoloq bilanċ bejn ir-Recycling bins kif ukoll bejn il-bins-on-wheels għal skart ieħor domestiku.

3.1.7 1840906025244 – Ilment dwar triq li qed iċċedi minħabba kostruzzjoni fi Triq San Ċiru Gudja. Is-Sindku qal li sar rapport lil Pulizija u li kien sejjer ikompli jsegwi l-każ sabiex jiġi eliminat ir-riskju u li kull ħsara fit-triq tiġi msewwija bla ebda telf ta' żmien.

3.1.8 18410906025246 – Ilment dwar ħmieġ ta' l-annimlai fi Triq l-Annunzjata Gudja. Il-Kunsill qabel li jikseb aktar tagħrif dwar dan l-ilment sabiex jekk ikompli jsir l-abbuż jitlob l-assistenza ta' wardens pajżana u b'hekk minn jikser il-liġi jiġi soġġett li jittieħdu passi kontra tiegħu jew tagħhom skond kif tistipula l-liġi.

3.1.9 1840907925293 – Talba għal lampa ġdida fi Triq Ħal Resqun Gudja. Il-Kunsill qabel li jaħdem flimkien ma' l-Enemalta u l-kuntrattur tas-Street Lighting sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

3.1.10 Ħtieġa ta' mera fi Triq Bettina Gudja. Il-Kunsill qabel li titwaħħal mera qrib did-dar ta' Leslie Gatt katuniera ma' Triq San Ġorġ.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Triq tal-Mitħna u Triq il-Palma Gudja – Testing results. Il-Kunsill ra l-email datata 01 ta' Settembru 2009 u qabel li jkompli jsegwi din it-talba sabiex jiffurmaw parti mid-dokumenti meħtieġa qabel issir il-pagament.

3.2.2 Urban Improvement Fund (UIF). Il-Kunsill qabel ma l-applikazzjoni dwar dawn il-fodni kif jidher fl-applikazzjoni ta' l-04 ta' Settembru 2009.

3.2.3 Id f'id nirnexxu. Il-Kunsill qabel maċ-ċirkulari dwar id-dekasteri tas-Sindku u l-Kunsilliera kollha għaliex b'hekk jista jinkiseb il-progress fl-aħjar interess tar-residenti tal-Gudja. Hemm ukoll kull posibilta ta' ħidma f'tema u għalhekk jinkiseb il-ġid u ppjanar ta' pjan ta' ħidma li jista ukoll jipparteċipa l-pubbliku f'sotto kumitati.

3.2.4 Ħaddiema Assenjati mill-ETC. Il-Kunsill ra l-email datata 10 ta' Settembru 209 u qabel li jkompli bil-kuntatt mal-ETC sabiex jikisbu ħaddiema li jkunu jistgħu jaħdmu mal-Kunsill fuq xogħol ta' maintenance skond skemi tal-ETC.

3.2.5 Youth on the Move. Il-Kunsill ħa nota ta' l-ittri dwar laqgħa tat-23 ta' Settembru 2009 dwar dan il-programm immexxi mill-Kunsillier MA Sammut f'isem il-Kunsill u l-Kunsill Malti għall-Isport.

3.2.6 Ftuħ tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill nhar ta' Sibt. Il-Kunsill ħa nota ta' l-ittra datat 16 ta' Settembru 2009 fejn id-Direttur għall-Gvern Lokali ġie infurmat li l-Kunsill Lokali Gudja kien sejjer jagħti s-servizz nhar ta' Sibt skond memo 46/2009.

3.2.7 Ittra datata 16 ta' Settembru 2009 dwar il-finanzi tal-local enforcement system income and debtors account. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Esekuttiv ikompli bil-ħidma tiegħu u jagħmel dak kollu possibli sabiex il-pendenzi preżenti jiġu solvuti, u l-Kunsill jikseb il-fondi dovuti mingħand il-kumitat konġunt u b'hekk ma jkunx hemm oservazzjoni mingħand l-Awdituri dwar dawn il-pendenzi.

3.2.8 Palma marida fi Gnien Raymond Caruana Gudja. Il-Kunsill qabel mal-kontenut ta' l-email datata 24 ta' Settembru 2009 u qabel li xi xogħol meħtieġ għandu jsir b'mod immedjat sabiex din il-palma ma tikkontaminax palm ieħor fil-qrib.

3.2.9 Rapport dwar xogħol mwettaq mis-Sur Angelo Calleja (IPSL) u Sur Anhtony Bonnici (Skema xogħol fil-komunita ETC). Il-Kunsill ħa nota ta' dawn l-ittri datati 25 ta' Settembru 2009 u qabel li l-Kunsill ikompli jsegwi l-programm ta' xogħol ta' dawn il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill qabel li peress li dan il-file huwa disponibli għal kull kunsillier u peress li l-korrispondenza relattiva ta' ittri u emails, diġa tqassmu għand il-kunsilliera skond id-dekasteri u peress li diġa ittieħdu passi u ininzjattivi respettivi skond il-ħtieġa tad-dekasteri, ma kienx hemm bżonn li l-ittra u emails jiġu konsiderati u diskussi waħda waħda. Il-Kunsill qabel li jkunhemm azzjoni jew azzjonijiet mill-Kunsill skond kif ikun meħtieġ u skond il-każ respettivament.

**4.0 Proġett tal-Mitħna Housing Estate**

4.1 Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu wasal iż-żmien li jsir site meeting mal-kuntrattur sabiex issir il-kejl tax-xogħol u joħroġ il-kont dwar phase one li tikkonsisti fi Triq il-Palma u Triq il-Mitħna Gudja.

Saret diskussjoni fejn qam il-punt li meta tagħmel ix-xita qed tinħoloq għadira fit-tarf fuq in-naħa tal-lemin fi Triq il-Palma Gudja. Il-Kunsill qabel li jsir site meeting sabiex jiġi kunsiderat ix-xogħol li sar kif ukoll kull pendenza oħra fosthom dokumenti dwar it-testijiet sabiex jiġi żgurat li meta jsir il-ħlas il-Kunsill ikun mexa bil-galbu u ħa valur mixtieq għal flus li qed jamministra f'isem ir-residenti tal-Gudja speċjalment tar-residenti ta' l-inħawi imsemmija.

**5.0 Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf**
**GreenPak – Separazzjoni ta' l-iskart**

5.1 Il-Viċi-Sindku Sur Baldacchino spjega lil Kunsill illi qed jagħti tifsira ħajja ta' lokalita nadifa billi juri li għal Gudja li r-raħal ikun nadif ikun ifisser illi l-ħajja tkun aktar sostenibbli.

5.2 Is-Sur Baldacchino qal li l-għan tal-Kunsill huwa li aktar minn 35% ta' l-iskart li jiġi iġenerat ġewwa l-Gudja għandu jiġi riċiklat.

5.3 Is-Sur Baldacchino qal li skond kif kien diġa qabel il-Kunsill huwa kompla jiddiskuti mal-Kumpanija GreenPak sabiex ġewwa l-Gudja jitpoġġew erba' settiijiet ta' erba' skips fejn jiġi separat l-iskart dak ta' karta, plastik, metal u ħġieġ. Sejjer ikun hemm sett ta' bins fil-flats tal-Housing Estate tal-Mitħna sabiex ir-residenti ta' dawn il-flats ikunu moqdijin direttament.

5.4 Is-Sur Baldacchino qal li l-proġett sejjer jiġi varat nhar il-Ġimgħa 16 t'Ottubru 2009 waqt programm li sejjer jibda fin-12.30 sas-14.30 li sejjer jippresjedi l-Onor Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari dwar il-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni u sejrin ikun hemm mistiedna personalitajiet oħra distinti.

5.5 Il-Kunsill qabel li jkun hemm nefqa ta' €1,500.00 bil-possibilta li €1,000.00 minnhom jinġabru lura skond kif indikat fil-memo dwar 'L-Inizjattiva Lokalitajiet Indaf'. Barra mil-parteċipanti, fosthom il-Kunsilliera kollha, l-Gudjani kollha huma mistiedna għall-attivita tas-16 t'Ottubru 2009.

5.6 Il-Kunsill awgura ukoll li l-Gudja tkun waħda mill-pajjiżi rebbieħa fil-Premju Inizjattiva Lokalitajiet Indaf.

5.7 Il-Kunsill qabel li l-ftehim mal-GreenPak jiġi ffirmat skond kif ikun meħtieġ. Kopja ta' dan il-ftehim hekk iffirmat jiġi preżentat waqt laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**6.0 Finanzi**

6.1 Petty Cash. Il-Kunsill ra u apporva n-nefqa ta' €37.32 għax-xahar ta' Awwissu 2009 kif preżentata lill-Kunsill.

6.2 Skeda ta' pagamenti. Il-Kunsill ra u apporva n-nefqa ta' €15,280.81 għax-xahar ta' Settembru 2009 kif preżentata lil Kunsill u dan wara spjegazzjoni kif mitluba mill-Kunsilliera preżenti.

6.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill qabel u approva n-nefqiet kollha kif indikati aktar il-quddiem f'dawn il-minuti.

**7.0 Għeluq tal-laqgħa**

7.1 Votazzjoni. Is-Sindku fakkar lil kunsilliera kollha li nhar is-Sibt 10 t'Ottubru 2009 sejra issir l-elezzjoni dwar ir-rappreżentanti tar-reġjuni. Il-post tal-votazzjoni sejjer ikun fil-bini amministrattiv tal-Kunsill u l-ħin tal-votazzjoni ikun bejn it-8.00a.m. u l-11.00a.m.

7.2 GAL Xlokk – Programm LEADER. Is-Segretarju Esekuttiv fakkar lil kunsiliera kollha li ġie infurmat mis-Sur Silvio Schembri Leader Co-Ordinator GAL Xlokk li nhar l-10 t'Ottubru 2009 sejra ssir laqgħa ġewwa s-sala parrokkjali sabiex jiġi spjegat il-programm LEADER u jinġabru l-idejat u x-xewqat biex b'hekk tiġi formolata strateġija mibnija fuq il-ħtiġijiet tar-residenti.

Il-programm jibda fid-9.00a.m. u jibqa sejjer kemm ikun hemm bżonn skond ix-xewqa ta' dawk preżenti.

Is-Segretarju Esekuttiv informa lill-Kunsill illi sejjer jitqassam leaflet bieb bieb fid-djar kollha ġewwa l-Gudja. L-għaqdiet ġew ukoll mistiedna individwalment.

Is-Segretarju Esekuttiv ħeġġeġ lill-kunsilliera kollha sabiex jattendu mqarr għal xi ħin waqt din il-laqgħa (peress li ħabtet wkoll waqt il-votazzjoni dwar ir-reġjuni) għaliex b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jaħdmu aktar flimkien mal-Kunsill u japprezzaw il-ħidma tal-Kunsill f'dan il-qasam.

7.2 Il-laqgħa spiċċat fid-9.15p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku